

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 183/2015****tal-10 ta' Lulju 2015****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2017/23]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/543 tal-1 ta' April 2015 li japprova s-sustanza attiva COS-OGA, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/553 tas-7 ta' April 2015 li japprova s-sustanza attiva cerevisane, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiżi li ġejjin jiġu miżjudja mal-punt 13a (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011):

— **32015 R 0543:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/543 tal-1 ta' April 2015 (ĠU L 90, 2.4.2015, p. 1),

— **32015 R 0553:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/553 tas-7 ta' April 2015 (ĠU L 92, 8.4.2015, p. 86)."

2. Il-punti li ġejjin jiżdiedu wara l-punt 13zzzzq (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/306):

"13zzzzr. **32015 R 0543:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/543 tal-1 ta' April 2015 li japprova s-sustanza attiva COS-OGA, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 90, 2.4.2015, p. 1).

13zzzzs. **32015 R 0553:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/553 tas-7 ta' April 2015 li japprova s-sustanza attiva cerevisane, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 92, 8.4.2015, p. 86)."

⁽¹⁾ ĠU L 90, 2.4.2015, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 92, 8.4.2015, p. 86.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/543 u (UE) 2015/553 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.